MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## MIRIAM HAYMAN

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2006

Numru. 241/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maria Stella Cutajar)**

**vs**

**Christopher Kokavessis ta' 32 sena bin Nikolaos u Matilde xebba Grima imwieled il-Marsa fit-23 ta' Gunju 1969 u residenti 5, Rinella, Ex Married Quarters, Kalkara I.D no 312769 (M)**

**Illum 1 ta' Marzu, 2006.**

Il-Qorti.

Rat l-akkuzi migjuba kontra Christpher Kokavessis u cioe`:

1. Talli fil-14 ta' Marzu 2001 ghal-habta tal-10.00 a.m. waqt li kien fi Triq il-Gdida Hal-Qormi, minghajr il-hsieb li

joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' John Mary Cini minn Hal-Qormi f'periklu car, hebb u kkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha tieghu billi ikkagunalu griehi ta' natura gravi perdurata skond ma ccertifika it-tabib Dr. Carmel Vella M.D. mis-Siggiewi.

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b'ghajjat u glied.

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb kontra John Mary Cini minn Hal-Qormi sabiex jingurja, jdejjaq jew jaghmillu hsara bil-kliem.

4. U aktar talli fl-istess data hin, lok u cirkostanzi minghajr ma darab jew sawwat, hedded lil-istess John Mary Cini bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin jew waddab jew qabad armi ohra (billi qabad hadida) kontra l-istess John Mary Cini.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bil-proceduri sommarji.

Rat li l-akkuzat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri u li wiegeb li hu ma kienx hati ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkonsidrat,

Illi din il-kawza si tratta dwar allegat glied li nqala' bejn l-akkuzat u l-parti l-ohra John Mary Cini. Tant li rizultat ta' din il-glieda Cini (anke jekk intebah zmien wara) sofra ksur ta' kustilja, ghalhekk skond it-tobba griehi ta' natura gravi.

Fil-fatt John Mary Cini allega li minhabba dizgwid bejn u bejn huh Joe fl-amministrazzjoni tan-negozju tal-familja, huh kien qabbad xi nies, wiehed minnhom l-akkuzat biex jintimidawh.

Ghalhekk Cini, il-vittma, xehed li meta ra hekk, hu flimkien ma missieru, fil-presenza ta’ huh l-iehor Philip u ta’ impjegat George Agius, marru jiffaccjaw lill-akkuzat u huh Joe Cini u kien hawn li l-akkuzat beda jaghtih bil-ponn go sidru u anke hareg hadida ghalih. Cini gie aggredit fizikament kemm mill-akkuzat, minn huh Joe u iben huh Charles.

Saret ukoll allegazzjoni fil-mori tal-kawza, u dan minn wiehed mill-allegati aggredituri, Joe Cini, li l-vittma f’din il-kawza ghalhekk John Mary Cini, kien qieghed b’diskoru jinfluwixxi fuq huh xhud Philip Cini. Ghalhekk xehed Philip Cini li nduna li hu kien qed severament jigi pressured minn huh John Mary ghal mod kif kellu jixhed.

Senjalament xehed ukoll illi hu ra kemm lill-akkuzat kif ukoll lil John Mary Cini jaqbdu f’xulxin qishom tfal.

Giet presentata wkoll ittra mibghuta minghand John Mary Cini fejn indika li hu kien irranga ma hu Joe Cini u ma xtaqx li l-kawza pendenti quddiem din il-Qorti, ghalhekk din in dezamina, titkompla.

Xehed anke l-akkuzat illi fil-versjoni li ta, indika li hu stante li kien jaghmel xoghol ta’ garr ta’ ghamara u gie mqabbad ghal dan l-iskop minn Joe Cini, kien minhabba f’hekk li hu kien nizel in-negozju ta’ Cini biex ikellem lil Joe. Kien hawn li huh ghall-ewwel darba kien iltaqa’ ma John Mary Cini. Minhabba f’dan ta’ l-ahhar, Joe u l-akkuzat biex ikollhom aktar privatezza marru jitkellmu fil-karozza ta’ Joe, u hawn ghal xejn b’xejn sfaw attakkati minn John Mary Cini.

Ikkonsidrat.

Illi tibda din il-Qorti biex tikkummenta fuq il-fatt li x-xhieda f’din il-kawza kif prodotta mill-prosekuzzjoni hija wahda karenti ghal kollox. Kif gie premess xehed John Mary Cini li ta xhieda diametrikament opposta ghal dik ta’ l-akkuza, xehed Joe Cini limitatament fuq l-intralcjlar tax-xhud Philip Cini u Philip Cini fuq l-istess indhil.

Xhieda ohra presenti jew indirettament partecipanti f'dan l-incident ma ngabux mill-prosekuzzjoni bhal ma huwa missier l-ahwa Cini li suppost kien presenti ghall-incident, l-impjegat George Agius li hu terz li suppost ra kollox u sid il-hanut taz-zebgha ghand min Cini l-aggredit fittex wens. Dawn qatt ma ngabu jixhdu.

Ghalhekk din il-Qorti jibqaghlha biss xhieda opposta ta' John Mary Cini u l-akkuzat u dik ta' Philip Cini li jghid li t-tnejn qabdu f'xulxin bhat-tfal. Illi certament din il-Qorti ma thossx li l-versjoni li ta Kokavessis u cioe` li hu u Cini kellhom ghalfejn imorru fil-karozza u ghalhekk hija konvinta li wara z-zjara ta' Kokavessis kien hemm ghanijiet ohra, pero dan ma giex pruvat lilha sal-grad li trid il-ligi u ghalhekk qed tilliberah mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------